Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Il-President

Brussell, 24 ta' Frar 2022

Għeżież membri,
Għażiż kollegi,

F'isem il-bliet u r-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jikkundanna bil-qawwa l-aggressjoni armata Russa kontra l-Ukrajna.

Is-sindki tal-Ukrajna huma l-imsieħba tagħna. Il-poplu ħieles tal-Ewropa u l-komunitajiet lokali tagħhom jirrifjutaw il-gwerra u jesprimu s-solidarjetà tagħhom mal-bliet Ukreni bbumbardjati mill-aggressur Russu.

M'hemmx lok għal sejħiet retoriċi revanxisti għal ritorn lejn l-Unjoni Sovjetika fid-dinja tal-lum fejn in-nazzjonijiet u l-popli Ewropej huma ħielsa.

Aħna nuru l-appoġġ sod tagħna għall-Ukreni, is-sovranità u l-integrità territorjali tan-nazzjon tagħhom.

Ninsabu lesti li nappoġġjaw lill-bliet u lir-reġjuni Ukreni bil-mezzi kollha disponibbli, issa u fil-futur.

Nistiednu lir-reġjuni, lill-bliet u lill-irħula kollha tal-Unjoni Ewropea biex juru s-solidarjetà tagħhom, billi juru l-bandiera tal-Ukrajna jew billi jdawlu l-binjiet pubbliċi bil-kuluri tagħha.

Libertà għall-Ukrajna.

**Apostolos Tzitzikostas**, President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

**Aleksandra Dulkiewicz**, Sindku ta' Gdansk, President tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ukrajna tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Rue Belliard/Belliardstraat 101 | 1040 Bruxelles/Brussel | BELGIQUE/BELGIË | Tel. +3222822314 | president.cor@cor.europa.eu
www.cor.europa.eu | @EU_CoR | /european.committee.of.the.regions | /european-committee-of-the-regions | @EU_regions_cities